# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 14**

**Rikors numru 566/20/1 MH**

**Anthony Buttigieg**

**v.**

**Brian Baldacchino, Antoine Baldacchino, Anthony Baldacchino, ilkoll eżerċenti l-kummerċ f'isem ABS Auto Dealers**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Anthony Buttigieg kontra deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-24 ta' April, 2023, li biha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti illi din il-kawża ma tistax tissokta minħabba li tressqet wara li kien laħaq għalaq iż-żmien ta' sentejn imsemmi fl-**Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fl-10 ta' Lulju, 2020, l-attur Anthony Buttigieg fisser li fil-bidu ta' Diċembru tas-sena 2015, huwa xtara BMW 5 Series mingħand il-konvenuti għall-prezz ta' €24,000. Huwa fisser li l-ħlas ta' €24,000 twettaq billi ħallas lill-konvenuti €10,000 fi flus kontanti u billi għadda lill-konvenuti mudell ta' BMW 5 Series aktar antika stmata €14,000.

3. L-attur Buttigieg ikompli jgħid li huwa kien ħa l-vettura għand tellar numru ta' xhur wara li kien xtraha u dan wara li kien osserva xaqq fil-parafangu (*mud guard*) ta' wara. It-tellar qallu li l-vettura kellha l-ġenb tax-xellug mibdul bil-ħġieġ b'kollox u li dan ix-xogħol ta' tibdil ma sarx skont is-sengħa u l-arti. L-attur jgħid li dan kollu ġie kkonfermat minn tellar ieħor, li kkonferma li l-vettura kienet involuta f'ħabta serja għaliex kellha l-ġenb kollu mibdul.

4. Peress li l-attur ippretenda li jakkwista vettura mhux minsusa huwa lmenta mal-konvenuti li din ma kinitx tal-kwalità mwiegħda. Saru taħditiet bejn il-partijiet biex tipprova tinstab soluzzjoni li tkun tajba għal kulħadd, però dawn it-taħditiet ma wasslu għal ebda ftehim. Minħabba f'hekk, l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. Tiddikjara u tiddeċiedi wkoll, jekk ikun il-każ illi l-vettura BMW fuq riferita akkwistata mill-esponenti permezz tat-tpartit imsemmi u mingħand l-intimati ma kinitx tal-kwalità mwiegħda u dana ai termini tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Konsegwentement tordna x-xoljiment tan-negozju li sar bejn il-kontendenti kif fuq intqal billi l-esponenti jagħżel li jirrifjuta l-imsemmija vettura u jitlob kif qed jagħmel id-danni.*

*3. Tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' €24,000 più l-imgħaxijiet fuq din is-somma mid-data tat-tpartit kif fuq intqal sad-data tal-pagament effettiv jew kwalunkwe danni oħra li jiġu illikwidati okkorrendo n-nomina ta' perit espert fil-materja.*

*4. Konsegwentement tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lill-esponenti in linea ta' danni dak l-ammont li jiġi hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Mejju 2017 u dawk tal-mandati ta' qbid u sekwestru numri 794/17 u 795/17 u bl-imgħaxijiet legali fuq l-ammont ta' €24,000 mid-data tat-tpartit sad-data tal-pagament effettiv.»*

5. Il-konvenuti kollha ressqu risposta maħlufa waħda fit-23 ta' Ottubru, 2020 u l-ewwel eċċezzjoni mqajma minnhom kienet tgħid hekk:

*«1. Illi preliminarjament l-azzjoni attriċi hija waħda preskritta bit-terminu tas-sentejn u dan a tenur tal-Artikolu 1407 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.»*

6. Fis-seduta tas-11 ta' Novembru, 2020, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat li l-ewwel kellhom jinġabru l-provi dwar din l-ewwel eċċezzjoni. Dakinhar l-Ewwel Qorti kienet ordnat ukoll li flimkien ma' din il-kawża kellhom jiġu mehmuża l-atti tal-kawża 524/2017LM fl-ismijiet ***Anthony Buttigieg v. Brian Baldacchino et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ġunju, 2020 u mhux appellata. F'dik il-kawża t-talbiet ta' Anthony Buttigieg ġew miċħuda għaliex dik il-Qorti dehrilha li huwa ma setax iressaq flimkien il-kawżali tan-nullità tat-trasferiment tal-BMW minħabba

li l-kunsens tiegħu ġie miksub b'qerq u l-kawżali li n-negozju tat-trasferiment tal-BMW kellu jitħassar minħabba li l-BMW ma kinitx tal-kwalità mwiegħda.

7. B'sentenza tal-24 ta' April, 2023, l-Ewwel Qorti laqgħet din l-eċċezzjoni u b'hekk ċaħdet it-talbiet tal-attur Buttigieg bi spejjeż kollha kontrih. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tilqa' din l-eċċezzjoni kienu dawn:

> *«Permezz tal-proċeduri odjerni l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li vettura tal-għamla BMW akkwistata minnu mingħand il-konvenuti permezz ta' tpartit ma' vettura oħra tiegħu ma kinitx tal-kwalità pattwita ai termini tal-**Artikolu 1390 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jipprovdi hekk –*
>
> > *«Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.»*
>
> *L-attur isostni li per konsegwenza dan in-negozju għandu jiġi xolt. Huwa qed jitlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni flimkien mal-imgħaxijiet mid-data tat-tpartit.*
>
> *Min-naħa tagħhom il-konvenuti rrespinġew dawn il-pretensjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*
>
> *Għal dawk li huma provi, mill-atti jirriżulta li permezz ta' skrittura privata datata 18 ta' Diċembru 2015 (fol. 16) l-attur partat il-vettura tiegħu BMW ma' oħra tal-għamla BMW AYJ 520 mingħand il-konvenuti, li jeżerċitaw fil-kummerċ bħala ABS Autodealers. Huma qablu li l-attur kellu flimkien mat-tpartit iħallas lill-konvenuti s-somma addizzjonali ta' €10,000. Dan taħt is-segwenti termini u kundizzjonijiet –*
>
> > *i. Li l-attur il-vettura ppruvaha u għoġbitu u l-ftehim huwa bil-prezz fuq imsemmi;*
> >
> > *ii. Li l-imsemmija vettura hija tale quale u li l-vendituri mhumiex responsabbli għal xi difett moħbi;*
> >
> > *iii. Li jekk l-attur jonqos li jħallas żewġ pagamenti, il-konvenuti*

*jkollhom dritt jieħdu l-vettura lura;*

*iv. Li jekk l-attur ibiegħ jew ipartat il-vettura huwa jkollu jħallas is-somma kollha li jkun fadal.*

*Id-debita riċevuta tar-reġistrazzjoni tal-vettura fuq isem l-attur hija wkoll esibita in atti (fol. 15).*

*Il-konvenuti jikkontendu li minkejja li huma kemm-il darba rawh isuq il-vettura inkwistjoni fit-23 ta' Mejju 2017 huwa kien bagħtilhom ittra legali fejn infurmahom li huwa kien skopra li qabel ma akkwistaha din il-vettura kienet involuta f'inċident meta fil-fatt il-vendituri kienu wegħduh li dan ma kienx il-każ.*

*Fix-xhieda tiegħu l-kovenut Brian Baldacchino ċaħad li huwa qatt kien ta xi garanzija lill-attur, anzi jgħid li kien l-attur innifsu li għamel il-verifiki li kellu jagħmel qabel akkwista l-vettura inkwistjoni.*

*Brian Baldacchino xehed ukoll in kontro-eżami u sar konfront bejnu u bejn l-attur. Inoltre, a skans ta' ripetizzjoni inutli, il-Qorti sejra wkoll tistrieħ fuq is-sinteżi tal-provi kif riprodotti fit-taqsima intestata "Provi u Riżultanzi" fis-sentenza tal-proċeduri allegati Rik 524/17 fl-ismijiet premessi.*

*-Senjatament minn dawn il-provi jirriżulta illi skont l-attur hu kien mar għand il-konvenut bl-ewwel ilment tiegħu fuq il-vettura, għax skopra li kellha xaqq kbir fuq in-naħa wara tagħha, sitt xhur wara l-akkwist tal-istess.*

*-għalhekk Buttigieg jixhed illi minħabba f'hekk, il-konvenut kien qallu li kien se jibdillu l-karozza, l-ewwel ma' BMW oħra, imbagħad ma Mercedes, però dan l-arranġament falla skont l-attur għax il-konvenut baqa' jittrattjeni li jibdillu l-istess vettura. Però da parti tal-konvenut, kull darba li dan xehed, anke in kontroeżami rrifjuta talli arranġament.*

*-il-konvenut anzi, mhux talli ma jaċċettax it-tpartit ma' vettura oħra, anzi jixhed li meta l-attur mar għandu bl-ilment wara tmien xhur wara t-tpartit, hu kien qallu li kellu jieħu ħsieb hu li jirranġa l-vettura. Oltre, jargumenta illi l-attur kellu kull opportunità li jeżamina l-vettura inkwistjoni billi ħadha, qabel it-tpartit, kemm għand mekkanik ukoll għand panel beater.*

*- l-attur istitwixxa żewġ kawżi in mertu; dik odjerna li ġiet intavolata fl-10 ta' Lulju, 2020 u dik li l-atti tagħha ġew allegati li nbdiet fid-9 ta' Ġunju, 2017. Din it-tieni il-kawża ġiet deċiża billi ġiet milqugħa l-eċċezzjoni ta' kumul ta' azzjonijiet kontradittorji a bażi tal-massima electa una via non datur recursus ad alteram. Is-sentenza ngħatat fit-12 ta' Ġunju, 2020.*

*Dan ir-riassunt qasir tax-xhieda li nġabet se jservi għad-*

*determinazzjoni ta' l-ewwel eċċezzjoni.*

*L-**ewwel eċċezzjoni preliminari** li dwarha ser tingħata s-sentenza llum tgħid hekk –*

> *«Illi preliminarjament l-azzjoni attriċi hija waħda preskritta bit-terminu tas-sentejn u dan a tenur tal-artikolu 1407 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.»*

*...*

*L-artikolu 1407 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk -*

> *«L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegħ għaż-żjieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej għat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerġa' lura mill-kuntratt, tintilef egħluq sentejn minn dakinhar tal-kuntratt.»*

*Dwar il-vera natura tal-perijodu imsemmi fl-artikolu invokat intqal dan minn din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **Adrian Theuma vs RLR Ltd** deċiża fit-8 ta' Jannar 2013:*

*....*

> *«Fl-ewwel lok, il-perijodu ta' sentejn kontemplat mill-Art.1407(1) huwa perijodu ta' dekadenza mhux ta` preskrizzjoni.*
>
> *Fit-tieni lok, is-sentejn jiddekorru mid-data illi fiha kien konkjuż ghall-finijiet u effetti kollha tal-liġi l-kuntratt bejn il-partijiet.»*

*Il-Qorti tabraċċja dawn il-prinċipji u tagħmilhom tagħha u kwindi tissottolinea li ż-żmien ta' sentejn stipulat mill-Art.1407(1) huwa wieħed ta' dekadenza li jibda għaddej mid-data illi fiha jkun ġie kien konkluż il-kuntratt ta' bejgħ bejn il-partijiet għall-fini tal-liġi.*

*Din hija wkoll il-pożizzjoni meħuda mill-konvenuti li jargumentaw li l-perjodu ta' sentejn imsemmi fl-artikolu 1407 (1) huwa wieħed ta' dekadenza li jibda għaddej mill-mument li sar il-kuntratt bejn il-partijiet. Huma jirreferu għall-iskrittura tat-18 ta' Diċembru 2015 li permezz tagħha sar it-tpartit tal-vetturi inkwistjoni. Isostnu li ladarba l-kawża odjerna ġiet intavolata fl-10 ta' Lulju 2020 kienu laħqu għaddew aktar minn sentejn u għalhekk il-kawża għandha tiġi meqjusa preskritta. Jingħad illi għal preċisjoni fil-fatt il-konvenut kellu jsostni li l-azzjoni llum hija perenta bit-trapass taż-żmien.*

*Il-Qorti tqis li fid-dawl tal-ġurisprudenza suċċitata, it-terminu tas-sentejn ai termini tal-Artikolu 1407 (1) tal-Kap 16 beda jiddekorri mit-18 ta' Diċembru 2015 u ċjoè meta ġiet iffirmata l-iskrittura għall-akkwist tal-vettura inkwisjoni. U għalhekk la l-kawża odjerna ġiet intavolata fl-10 ta' Lulju 2020 kienu laħqu għaddew aktar minn erba' snin bil-konsegwenza li l-azzjoni hija f'dan l-istadju perenta.*

*Għal kompletezza tqis ukoll l-argument da parti tal-attur fil-premessi tar-rikors promotur odjern u anke fix-xhieda tiegħu u ta' martu fil-proċeduri allegati fejn tqajjem il-punt li kien hemm xi tip ta' ammissjoni da parti tal-konvenut u li kienu għaddejjin trattattivi bejn il-partijiet biex l-attur jingħata vettura simili jew oħra ta' valur ekwivalenti. Però skont l-attur u anke martu, dawn it-trattativi ma rnexxewx.*

*Madankollu kif ingħad, dawn l-allegazzjonijiet sabu l-oppożizzjoni ferma tal-konvenuti li ċaħdu li huma qatt ammettew xi tort jew irrikonoxxew li seta' kien hemm xi difett fil-BMW imparta. Il-Qorti tirrileva li kif inhuwa rassodat fil-ġurisprudenza, terminu ta' dekadenza ma jistax jiġi prorogat u malli jiskorru t-terminu statutorju, id-dritt għall-azzjoni jintilef.*

*....*

*Oltre, għalkemm it-terminu ta' dekadenza ma jafx interruzzjoni jew sospensjoni kif ingħad, però dan it-terminu seta' kien affetwat kieku l-attur irnexxielu jikkonvinċi lil Qorti li fil-verità kien hemm rikonoxximent da parti tal-bejjiegħ konvenut tad-difett reklamat fil-vettura.*

*...*

*Il-konvenut baqa' qatt ma ammetta xi responsabbiltà fuqu kif isostni l-attur. Kien għalhekk ukoll bla siwi meta l-istess attur invoka fit-trattazzjoni orali l-applikazzjoni ta' l-artikolu 2132 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li japplika għalhekk għal perijodu tal-ksur tal-perijodu preskrittiv, l-interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv maħsub fis-subinċiż 2 ta' dan l-artikolu huwa għalkollox inapplikabbli għall-kunċett tad-dekadenza li kif ingħad fil-ġurisprudenza ċitata ma tista' tiġi interrotta jew sospiża.*

*Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tqis li t-terminu ta' sentejn stipulat mil-liġi għandu jibda jitqies minn dakinhar tal-kuntratt tat-18 ta' Diċembru 2015 u għalhekk l-attur kellu sas-17 ta' Diċembru 2017 sabiex jiftaħ il-kawża odjerna. Fin-nuqqas, l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-atturi timmerita li tiġi akkolta.»*

8. Anthony Buttigieg appella biex titħassar din is-sentenza b'rikors imressaq fl-24 ta' Mejju, 2023 u talab sabiex l-eċċezzjoni dwar id-dekadenza tal-azzjoni tiegħu tiġi miċħuda.

9. L-aggravju waħdieni tiegħu huwa mibni fuq l-argument li l-azzjoni

tiegħu ma waqgħetx biż-żmien għaliex huwa fetaħ l-ewwel kawża bin-numru 524/2017 fi żmien sentejn kif irid l-**Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili** u wara li ħareġ tellief f'dik il-kawża, huwa fetaħ din it-tieni kawża, mertu ta' dan l-appell, fi żmien xahar kif imsemmi fl-**Artikolu 2132 tal-Kodiċi Ċivili**.

10. Il-konvenuti kollha wieġbu fl-4 ta' Lulju, 2023 u taw ir-raġunijiet tagħhom għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

11. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tisma' sottomissjonijiet verbali u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. F'din il-kawża l-appellant Buttigieg qiegħed jallega li l-konvenuti għaddewlu BMW li ma kinitx tal-kwalità mwiegħda u għalhekk bit-tħaddim tal-**Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili**, huwa rrifjuta l-imsemmija vettura u talab li jiġi mħallas għad-danni li ġarrab.

13. Skont l-**Artikolu 1407(1) tal-Kodiċi Ċivili**, azzjoni li tmiss lix-xerrej biex jerġa' lura mill-kuntratt tintilef għeluq sentejn minn dakinhar tal-

kuntratt. Dan it-terminu ta' sentejn imsemmi fl-**Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili** huwa wieħed ġenerali li jgħodd għall-azzjonijiet kollha li jaqgħu taħt is-**Sub-Titolu IV § I ta' Titolu VI ta' Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili** msejjaħ '***Fuq il-Kunsinna***', fosthom għalhekk l-azzjoni taħt l-**Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili** dwar ħwejjeġ mibjugħa li ma jkunux skont il-kwalità miftiehma.

14. Ġara issa li l-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba tiegħu, wara li laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti, li din il-kawża ma saritx fiż-żmien sentejn mid-data tal-kuntratt, kif imsemmi fl-**Artikolu 1407(1) tal-Kodiċi Ċivili**, għaliex il-kuntratt dwar it-trasferiment tal-vettura seħħ fit-18 ta' Diċembru, 2015 u din il-kawża nfetħet fl-10 ta' Lulju, 2020. Fl-istess sentenza l-Ewwel Qorti qalet li dan it-terminu ta' sentejn huwa wieħed ta' dekadenza li la jista' jinkiser u lanqas ma jista' jiġi sospiż skont ir-regoli li jgħoddu għall-preskrizzjoni.

15. Issa fl-appell tiegħu, l-appellant Buttigieg qiegħed jargumenta li mhux vera li l-azzjoni tiegħu waqgħet biż-żmien skont l-**Artikolu 1407(1) tal-Kodiċi Ċivili**. Ifisser li huwa akkwista l-BMW f'Diċembru tas-sena 2015 u fid-9 ta' Ġunju, 2017, jiġifieri inqas minn sentejn wara, fetaħ il-kawża 524/2017LM fl-ismijiet ***Anthony Buttigieg v. Brian Baldacchino et*** biex iħassar it-trasferiment tal-vettura. Għalhekk skont l-appellant Buttigieg iż-żmien ta' sentejn imsemmi fl-**Artikolu 1407(1) tal-Kodiċi**

**Ċivili** ġie miksur b'din it-talba ġudizzjarja.

16. Ikompli jgħid li għalkemm it-talbiet tiegħu fil-kawża 524/2017LM ġew miċħuda b'sentenza, mhux appellata, tat-12 ta' Ġunju, 2020, huwa jsostni li b'riħet l-**Artikolu 2132 tal-Kodiċi Ċivili**, huwa xorta baqa' jgawdi mill-ksur tal-preskrizzjoni li seħħet bil-ftuħ tal-kawża 524/2017, ġaladarba huwa fetaħ il-kawża tal-lum fl-10 ta' Lulju, 2020, jiġifieri fi żmien xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza fil-kawża 524/2017.

17. Dan l-**Artikolu 2132 tal-Kodiċi Ċivili** jaqra hekk:

> *«(1) Il-ksur tal-preskrizzjoni magħmul b'talba ġudizzjarja, jitqies bħallikieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja għat-talba, jew jekk il-kawża tibqa' deżerta, jew jekk it-talba tiġi miċħuda.*
>
> *(2) Għal dik li hija r-rinunzja jew iċ-ċaħda ta' talba ġudizzjarja, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux fil-każijiet li l-attur jista', skont il-liġi, jerġa' jġib 'il quddiem it-talba, basta li din it-talba terġa' tinġieb 'il quddiem fl-istess qorti jew f'oħra fi żmien xahar minn dakinhar tar-rinunzja jew taċ-ċaħda, u l-konvenut jiġi nnotifikat bil-mod u fiż-żmien imsemmijin fiż-żewġ artikoli ta' qabel dan, skont ma jkun il-każ.»*

18. Sewwasew f'dan il-każ, l-appellant qiegħed jisħaq li huwa fetaħ it-tieni kawża fi żmien xahar li nqatgħet l-ewwel waħda u għalhekk skontu bit-tħaddim tal-**Artikolu 2132**, iż-żmien ta' sentejn imsemmi fl-**Artikolu 1407** biex jissokta bl-azzjoni tiegħu għat-treġġigħ lura tal-kuntratt tat-trasferiment tal BMW baqa' miksur. Itenni għalhekk li huwa għadu biċ-ċans li jmexxi b'din il-kawża.

19. Fuq in-naħa l-oħra, il-konvenuti appellati jwieġbu li kif qalet l-Ewwel Qorti, it-terminu ta' sentejn imsemmi fl-**Artikolu 1407** huwa wieħed li ma jistax jiġi mtawwal u għalhekk dan ma jistax jintlaqat bir-regola ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni msemmija fl-**Artikolu 2132**.

20. Din il-Qorti tqis li dak li jħoll u jorbot għall-għanijiet ta' dan l-appell huwa kif għandu jiġi interpretat iż-żmien ta' sentejn imsemmi fl-**Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili**, *viz.* jekk hux bħala terminu li jista' jittawwal jew inkella jekk hux bħala terminu li ma jistax jiġi mtawwal. Jekk dan it-terminu ta' sentejn mid-data tal-kuntratt jista' jiġi mtawwal bir-regoli tal-ksur tal-preskrizzjoni, allura l-appellant Buttigieg għandu raġun li jista' jkompli b'din il-kawża bit-tħaddim tal-**Artikolu 2132 tal-Kodiċi Ċivili**. Mill-banda l-oħra, jekk dan it-terminu huwa wieħed perentorju li ma jistax jittawwal aktar mis-sentejn mid-data tal-kuntratt, allura l-appellant Buttigieg m'għandux raġun jgħid li huwa jista' jkompli b'din il-kawża, ladarba din il-kawża saret aktar tard minn sentejn mid-data tal-kuntratt.

21. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-kwistjoni dwar in-natura taż-żmien imsemmi fl-**Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili** ġiet mistħarrġa b'mod mirqum ħafna fis-sentenza (mhux appellata) ***Joseph Sammut et v. Johanna Adriana Fenech Dekkers*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar, 2022. Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni milħuqa f'dik is-sentenza u għalhekk hija sejra tagħmel riferenza sħiħa għaliha.

22. F'dik is-sentenza ngħad li kemm it-terminu ta' dekadenza u kif ukoll it-terminu ta' preskrizzjoni għandhom il-poter li jitfu u joħonqu azzjoni legali meħuda quddiem il-qrati, bid-differenza ewlenija bejn dawn iż-żewġ termini tkun: li filwaqt li fil-każ ta' terminu ta' dekadenza ż-żmien imsemmi fil-liġi ma jistax jiġi mtawwal jew imġedded wara l-għeluq tiegħu, mill-banda l-oħra fil-każ ta' żmien ta' preskrizzjoni, it-terminu li fih għandha titressaq azzjoni ġudizzjarja skont il-liġi jista' jiġi mtawwal wara l-għeluq tiegħu, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi ta' interruzzjoni jew ta' sospensjoni li jissemmew espressament fil-liġi.

23. Ġeneralment biex wieħed jagħraf jekk terminu huwiex ta' dekadenza jew ta' preskrizzjoni, wieħed irid iħares lejn kif il-leġislatur jiddeskrivi dak it-terminu fit-test tal-liġi. Jekk il-liġi tuża' l-kelma preskrizzjoni jew kliem ieħor li jitnisslu minn din il-kelma, allura wieħed jifhem li dak it-terminu huwa regolat bil-prinċipji li jsawru l-istitut tal-preskrizzjoni; jekk min-naħa l-oħra l-liġi ma tużax il-kelma preskrizzjoni jew kliem oħra li jitnisslu minn din il-kelma, allura dak it-terminu jitqies bħala wieħed ta' dekadenza (ara *inter alia* ***Giuseppe Sammut v. Notaro Edoardo Pellegrini Petit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Jannar, 1920, ***Sacerdote Don Pio Gauci et v. Onorevole James A. Galizia, C.B.E., ne.*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Frar, 1936, ***Doris Giordimaina v. Oxford Mobbli Limited*** deċiża mill-Qorti tal-

Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-28 ta' Marzu, 2008, ***Mario Pickard v. Grace Anderson*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru, 2011 u ***Peter Sammut v. Sullivan Maritime Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2014).

24. Kif kompla jingħad fis-sentenza ta' ***Sammut et v. Fenech Dekkers***, din il-Qorti taqbel li mill-mod ta' kif inhu miktub l-**Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili** mhuwiex daqshekk ċar dwar jekk it-terminu tas-sentejn għandux jitqies bħala wieħed ta' dekadenza jew wieħed ta' preskrizzjoni. Tali inċertezza fil-kitba tal-liġi ġiet imaqjma wkoll mill-awturi. Kemm hu hekk, il-***Professur V. Caruana Galizia***, f'paġna 553 tan-***Notes on Contract of Sale***, kif emendati mill-***Professur J.A. Ganado***, jgħid dan:

> *«The actions for the increase of the price belonging to the seller, and for reduction or for receding from the contract belonging to the purchaser, must be excericised within two years from the contract (Section 1457) (illum Artikolu 1407). This term runs against absentees, and also against interdicted persons, minors and married women when they claim under a purchaser or seller with regard to whom the running of prescription is not suspended. It is debated whether it is the case of a prescription of an action or a forfeiture of a right. The Italian Civil Code adds after the corresponding article the words "under the sanction of forfeiting the respective rights", which are taken to mean that it is a case of a forfeiture of rights: this is also the opinion prevailing amongst French Commentators (**Planiol et Ripert**, Vol. X, p. 256).»*

25. Tassew id-diffikultà fl-**Artikolu 1407** tal-**Kodiċi Ċivili**, tinsab imsejsa fuq il-fatt li għalkemm dan l-artikolu jinsab deskritt fin-nota marġinali tiegħu bħala «*preskrizzjoni tal-azzjoni*» u minkejja wkoll li fit-test tal-**Artikolu 1407(2)** insibu wkoll il-kliem «*iż-żmien tal-preskrizzjon*i»,

madankollu meta wieħed jaqra u jifli kif imiss l-artikolu tal-liġi kollu kemm hu, wieħed jista' jintebaħ li ż-żmien imsemmi f'dan l-artikolu fih karatteristiċi li huma aktar marbuta mat-termini ta' dekadenza milli ma' dawk li huma marbuta ma' termini ta' preskrizzjoni.

26. Kemm hu hekk, fl-**Artikolu 1407(1)**, il-leġislatur għażel il-kliem, «*l-azzjoni .... li tmiss lix-xerrej ... tintilef egħluq sentejn minn dak in-nhar tal-kuntratt*». Il-kelma «*tintilef*» hija aktar sinonima maż-żmien ta' dekadenza milli maż-żmien ta' preskrizzjoni.

27. Iżda bħalma ntqal fis-sentenza ta' ***Sammut et v. Fenech Dekker***, l-aktar ħaġa li turi li t-terminu ta' sentejn imsemmi fl-**Artikolu 1407** mhuwiex regolat bil-prinċipji normali tal-interruzzjoni u tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni, joħroġ mill-fatt li fl-**Artikolu 1407(2)** hemm imniżżel li t-terminu ta' sentejn għandu jitqies ukoll li jimxi kontra l-assenti, l-interdetti, in-nisa miżżewġa u l-minuri, kemm-il darba l-jedd ta' dawn il-persuni jkun ġej minn bejjiegħ jew xerrej li kontra tiegħu l-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni ma jiġix sospiż. Jinżel b'hekk li l-leġislatur ried jagħmilha ċara hawnhekk, li għalkemm huwa kien qiegħed jirreferi għaż-żmien ta' sentejn fl-**Artikolu 1407** bħala wieħed ta' preskrizzjoni, madankollu huwa ma riedx jorbot dan iż-żmien bir-regoli ġenerali tal-interruzzjoni u tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni li nsibu fit-**Titolu XXV ta' Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili**.

28. Kif tajjeb rilevat fis-sentenza ta' ***Sammut et v. Fenech Dekker,*** skont l-**Artikolu 2116 tal-Kodiċi Ċivili**, id-dispożizzjonijiet tat-**Titolu XXV** fuq imsemmi, fejn insibu wkoll id-dispożizzjonijiet dwar il-ksur u s-sospensjoni tal-preskrizzjoni, jgħoddu f'kull każ li għalih ma jkunx ipprovdut xort'oħra f'partijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew f'liġijiet oħra.

29. Sewwasew f'dan il-każ, din il-Qorti taqbel li fl-**Artikolu 1407**, il-leġislatur ried li ż-żmien ta' preskrizzjoni ta' sentejn jiġi regolat b'mod differenti minn kif jinsab provdut fit-**Titolu XXV**, li huwa applikabbli b'mod ġenerali għat-termini ta' preskrizzjoni. Li kieku ma kienx hekk, il-leġislatur la kien juża l-kelma '*tintilef*' fl-**Artikolu 1407(1)** u lanqas ma kien joħloq regola differenti fl-**Artikolu 1407(2)** dwar is-sospensjoni tal-preskrizzjoni *vis-à-v*is assenti, interdetti, nisa miżżewġa u minuri.

30. Għalhekk din il-Qorti taqbel perfettament mas-sentenza ***Sammut et v. Fenech Dekker*** li ż-żmien ta' preskrizzjoni ta' sentejn imsemmi fl-**Artikolu 1407** mhuwiex regolat bil-prinċipji ordinarji tal-interruzzjoni u tas-sopensjoni tal-preskrizzjoni li nsibu fl-**Artikoli 2122** sa **2136 tal-Kodiċi Ċivili** iżda huwa regolat biss b'dak li hemm imniżżel fl-**Artikolu 1407**. Taqbel ukoll li l-leġislatur ma qalx sempliċement li l-azzjoni hija preskritta fi żmien sentejn iżda ħass li kellu jkun kategoriku billi jgħid li l-azzjoni għandha tintilef f'għeluq sentejn. Terġa' u tgħid, tant kemm il-leġislatur

ried li t-terminu ta' sentejn ikun wieħed perentorju, li huwa stabbilixxa fl-**Artikolu 1407(2)** li dak it-terminu għandu jimxi wkoll kontra assenti, interdetti, nisa miżżewġa u minuri. B'dan il-mod, il-leġislatur ried li jassoġġetta dan it-terminu ta' preskrizzjoni għar-regoli speċifiċi.

31. Jiġi b'hekk, li t-terminu ta' sentejn fl-**Artikolu 1407** għandu jitqies bħala wieħed ta' natura perentorja li jiskadi minnufih malli jgħaddu s-sentejn minn meta jkun sar il-kuntratt ta' bejgħ jew tpartit (li skont l-**Artikolu 1493 tal-Kodiċi Ċivili** jgħoddu għalih l-istess regoli tal-bejgħ).

32. Din il-linja ta' ħsieb li tqis it-terminu ta' sentejn imsemmi fl-**Artikolu 1407** bħala wieħed perentorju li ma jistax jiġi mtawwal, tinsab imsaħħa wkoll mill-parti l-kbira tas-sentenzi li ngħataw mill-qrati tagħna dwar dan is-suġġett fl-aħħar ċentinarju (ara pereżempju ***Carmelo Mangion pro et noe v. Alfonso Maria Galea nomine*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 1921, ***John Cassar v. Francesco Saverio Vella*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Jannar, 1967, ***Alfred Delia v. Joseph Fenech*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Frar, 1979, ***Emanuel Borg v. John Xuereb*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 1989, ***Noel Curmi et v. Dottor Joseph Ellis et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004, ***Joseph Zarb et v. Mira Motors Sales Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Diċembru, 2005, ***Adrian Theuma v. RLR Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Jannar,

2013 u ***Carmelo sive Charles Scerri et v. Joseph Sammut et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Jannar, 2015).

33. Billi din il-Qorti qiegħda tikkonkludi li t-terminu ta' sentejn imsemmi fl-**Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili** huwa wieħed ta' sura perentorja li ma jinkisirx u li ma jistax jittawwal aktar minn sentejn mid-data tal-kuntratt, allura l-appellant Buttigieg ma jistax jinqeda jew jiggranfa mal-**Artikolu 2132(2) tal-Kodiċi Ċivili** sabiex jipprova jsalva l-azzjoni tiegħu.

34. Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ladarba l-kuntratt sar fit-18 ta' Diċembru, 2015, l-appellant kellu sas-17 ta' Diċembru, 2017 biex imexxi b'din il-kawża. Din il-kawża iżda nfetħet fl-10 ta' Lulju, 2020 u għalhekk ferm wara li kien diġà għalaq iż-żmien ta' sentejn. Il-fatt li din il-kawża nfetħet wara li ntilfet kawża oħra li kienet saret qabel, ma jbiddilx din il-pożizzjoni, la kif rajna l-**Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili** ma jintlaqatx bir-regoli tal-ksur u tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni msemmija fl-**Artikoli 2122** sa **2136 tal-Kodiċi Ċivili**.

35. Iddeċidiet tajjeb għalhekk l-Ewwel Qorti li l-appellant Buttigieg tilef id-dritt li jmexxi b'din il-kawża.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad**

l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant Anthony Buttigieg.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da